Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 8 ta' April 2015**
**(OR. en)**

**7607/1/15**
**REV 1**

**PUBLIC 18**
**INF 53**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - NOVEMBRU 2014 |

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Novembru 2014.[1] [2]

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn ikun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:
Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill taħt: Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit elettroniku tal-Kunsill: Minuti tal-Kunsill - Consilium

| INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'NOVEMBRU 2014 | |
|---|---|
| **Proċeduri bil-miktub kompletati fl-4 ta' Novembru 2014** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/821/PESK tal-4 ta' Novembru 2014 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina dwar l-istatus tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine)<br>ĠU L 334, 21.11.2014, p. 1-2 | 13271/14 |
| Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina dwar l-istatus tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine)<br>ĠU L 334, 21.11.2014, p. 3-9 | 13272/14 |
| **It-3343 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fi Brussell fis-7 ta' Novembru 2014** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Rapport Speċjali Nru 11/2014 "L-istabbiliment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna" | 14685/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami tas-SESF | 14681/14 |
| 2014/795/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2014 li temenda l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/335/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 330, 15.11.2014, p. 44-45 | 14420/14 |

| | |
|---|---|
| 2014/796/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2014 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 330, 15.11.2014, p. 46-47 | 14421/14 |
| 2014/797/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2014 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 330, 15.11.2014, p. 48-49 | 14521/14 |
| 2014/793/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2014 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Franċiża li jikkonċerna l-applikazzjoni, f'dak li jirrigwarda l-kollettività ta' Saint-Barthélemy, tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar it-taxxa fuq it-tfaddil u l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa<br>ĠU L 330, 15.11.2014, p. 10-11 | 14530/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Konfederazzjoni Svizzera għal ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fil-Programm Ewropa Kreattiva bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera | 14175/14 |
| 2014/783/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward ta' emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Programm tas-Saħħa)<br>ĠU L 328, 13.11.2014, p. 37-40 | 12733/14 |
| 2014/784/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward ta' emenda tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (il-Linji Baġitarji 02.03.01 u 12.02.01)<br>ĠU L 328, 13.11.2014, p. 41-44 | 12736/14 |

| | |
|---|---|
| 2014/785/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (il-protezzjoni tal-konsumatur)<br>ĠU L 328, 13.11.2014, p. 45-48 | 12739/14 |
| 2014/786/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Galileo)<br>ĠU L 328, 13.11.2014, p. 49-51 | 12744/14 |
| 2014/787/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward ta' emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Navigazzjoni bis-Satellita)<br>ĠU L 328, 13.11.2014, p. 52-55 | 12747/14 |
| 2014/788/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward ta' emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Programm Copernicus)<br>ĠU L 328, 13.11.2014, p. 56-59 | 13492/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/776/PESK tas-7 ta' Novembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 325, 8.11.2014, p. 19-23 | 14677/14 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1202/2014 tas-7 ta' Novembru 2014 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 325, 8.11.2014, p. 3-6 | 14678/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/775/PESK tas-7 ta' Novembru 2014 li testendi d-Deċiżjoni 2014/73/PESK dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR RCA)<br>ĠU L 325, 8.11.2014, p. 17-18 | 14111/14 |

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1201/2014 tas-7 ta' Novembru 2014 li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-1 ta' Lulju 2012 u l-1 ta' Lulju 2013, ir-rata ta' kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 325, 8.11.2014, p. 1-2 | 14260/14 |
| Direttiva tal-Kunsill 2014/102/UE tas-7 ta' Novembru 2014 li tadatta d-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 334, 21.11.2014, p. 86-87 | 14017/14 |
| 2014/832/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2014 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Amministrattiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-abbozz ta' Regolament ġdid dwar il-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu u biċ-ċelluli tal-fjuwil<br>ĠU L 341, 27.11.2014, p. 15-15 | 14823/14 |
| 2014/831/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2014 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti rilevanti fir-rigward tal-proposti għal emendi tar-Regolamenti tan-NU Nri 4, 6, 11, 13, 13H, 19, 25, 34, 37, 43, 44, 48, 53, 70, 96, 98, 104, 105, 106, 107, 112, 113, 121, 128, dwar ir-Regolament Tekniku Globali ġdid tan-NU dwar it-tajers, u dwar emenda tar-Riżoluzzjoni Reċiproka Nru 1<br>ĠU L 341, 27.11.2014, p. 11-14 | 14723/14 |
| 2014/854/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2014 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Amministrattiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-abbozz ta' Regolament ġdid dwar impatt fil-ġenb ma' arblu u dwar l-abbozz ta' emenda għal dak ir-Regolament<br>ĠU L 344, 29.11.2014, p. 20-21 | 14831/14 |

<table>
<tr><td colspan="2">2014/794/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali stabbilit bil-Protokoll dwar il-kooperazzjoni kulturali għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' 15-il arbitru<br>ĠU L 330, 15.11.2014, p. 40-43</td><td colspan="2">14244/14</td></tr>
<tr><td colspan="2">Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE</td><td colspan="2">13845/14</td></tr>
<tr><td colspan="2">Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament tal-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima</td><td colspan="2">13844/14</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Ġermanja<br>Fir-rigward tal-paragrafu 2 (nota f'qiegħ il-paġna) tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN dwar il-finanzjament tal-klima tas-7 ta' Novembru 2014, il-Gvern Federali jiddikjara li: Għall-Ġermanja dan jinkludi finanzjament minn sorsi baġitarji tal-Ġermanja (EUR 2 biljun) kif ukoll finanzjament mid-DEG u l-KFW li jippermetti li jiġu mmobilizzati mezzi tas-suq kapitali (EUR 1.5 biljun).</td></tr>
<tr><td colspan="4">It-3344 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret fi Brussell fl-10 ta' Novembru 2014</td></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT</td><td>REGOLA TA' VOTAZZJONI</td><td>VOTAZZJONI</td></tr>
<tr><td>Direttiva 2014/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 349, 5.12.2014, p. 1-19</td><td>80/14</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur minbarra:<br>Astjenew: DE, PL, SI</td></tr>
</table>

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka, dik Slovena u dik Ġermaniża**

Id-Direttiva dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni għandhom, fost l-oħrajn, inaqqsu d-diskrepanzi bejn ir-regoli applikabbli għal azzjonijiet għad-danni fir-rigward tal-antitrust fl-Istati Membri u jiżguraw li l-vittmi tal-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE jistgħu jiksbu l-kumpens sħiħ għall-ħsara li jkunu ġarrbu. Id-delegazzjonijiet tagħna jappoġġaw dan b'mod sħiħ.

Il-kompromess finali huwa mbiegħed minn dawk l-objettivi. Il-prinċipju tal-liġi ċivili tal-obbligazzjoni in solidum, li għalih kienu introdotti eċċezzjonijiet kontroversjali diġà fit-test tal-approċċ ġenerali adottat mill-Kunsill f'Diċembru 2013, ġie saħansitra aktar ristrett minħabba l-inklużjoni ta' para. 2 ġdid fl-Artikolu 11. Dan ser inaqqas l-opportunità tal-partijiet li jġarrbu l-ħsara - ta' spiss intrapriżi żgħar u ta' daqs medju - biex ifittxu kumpens sħiħ. Ser iwassal ukoll għal inċertezza legali u trattament mhux ugwali minħabba differenzi fid-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fost l-Istati Membri.

Id-delegazzjoni Pollakka, Slovena u dik Ġermaniża huma tal-opinjoni li dan il-kompromess ma jistħoqqlux appoġġ u ser jastjenu milli jappoġġaw it-test kif inhu.

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTAZZJONI |
|---|---|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (Test b'relevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1-23 | 91/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1221/2014 tal-10 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2015 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 43/2014 u (UE) Nru 1180/2013<br>ĠU L 330, 15.11.2014, p. 16-26 | 14539/14 |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar miżuri protettivi addizzjonali għall-merluzz [bakkaljaw] 25-32**

Il-Kunsill huwa tal-opinjoni soda li għandhom jiġu introdotti miżuri ta' ġestjoni, malli jkun legalment possibbli li jiġu żviluppati aktar il-ġestjoni u l-protezzjoni tal-istokkijiet tal-ħut vulnerabbli fil-Baħar Baltiku. B'mod partikolari, l-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi addizzjonali hija meħtieġa sabiex jiġi indirizzat l-iżbilanċ fil-istokk tal-bakkaljaw tal-Lvant. L-aġġustament tal-perijodi tal-għeluq biex jiġi protett il-ħut li jbid, bidliet fil-karatteristiċi tal-irkaptu bħal: l-introduzzjoni ta' xbiek għas-sajd bit-tkarkir; l-aġġustament tad-daqs tal-malji, għandhom jiġu kkunsidrati u jekk jitqiesu bħala effettivi għandhom jiġu introdotti.

Biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet l-aktar imminenti u tiġi rkuprata aktar data dwar il-bakkaljaw, għandha tkun meħtieġa reġistrazzjoni ta' refgħa b'refgħa fil-ġurnali ta' abbord għas-sajd fil-Baħar Baltiku, matul l-2015. Barra minn hekk, l-impatt ta' fatturi ambjentali fuq l-istokkijiet tal-bakkaljaw għandu jiġi rivedut u kkunsidrat aktar. Fl-aħħar nett, il-Kunsill iħeġġeġ lill-ICES biex jieħu miżuri malajr kemm jista' jkun għal aktar progress fuq il-kwistjoni tal-qari tal-età tal-bakkaljaw u jwitti t-triq għal valutazzjoni analitika tal-istokk.

**Dikjarazzjonijiet mid-Danimarka, il-Ġermanja, il-Finlandja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Latvja, l-Estonja u l-Iżvezja**

**- dwar il-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) sal-2016 għall-merluzz [bakkaljaw] 22-24**

L-Istati Membri kkonċernati jaqblu li r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) għand[u] jintlaħaq sal-2016 għall-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent bl-applikazzjoni ta' approċċ gradwali biex jinkiseb il-livell tal-MSY meta jiġu stabbiliti l-qabdiet totali permissibbli (TAC) għall-bakkaljaw fl-2015. L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jilħqu l-mira tal-MSY li tikkorrispondi għall-Fmsy attwali ta' 0.26 fl-2016.

Biex jipproteġu l-bijomassa ta' stokk riproduttiv fis-suddiviżjoni 22, l-Istati Membri kkonċernati ser jirriflettu aktar dwar il-ħtieġa u – jekk jitqies xieraq – jimplimentaw il-bidliet fil-perijodi ta' għeluq u miżuri oħra fil-kuntest tal-pjan il-ġdid ta' ġestjoni.

**- dwar talba għal parir xjentifiku dwar l-istokkijiet dgħajfa tas-salamun (salamun 22-31)**

Id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Finlandja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Latvja, l-Estonja u l-Iżvezja jistiednu lill-Kummissjoni tikkunsidra li titlob parir xjentifiku mill-ICES kif ġej:

- X'effett ikollha bidla tal-perijodu għas-sajd tas-salamun bil-konzijiet fuq l-irkupru tal-istokkijiet dgħajfa tas-salamun u fuq il-qabda ta' salamun żgħir? B'liema bidliet tal-perijodu tas-sajd jinkiseb l-aħjar l-irkupru?
- X'effett ikollu tnaqqis għal 50 cm tal-MCRS għas-salamun fil-baħar fuq l-irkupru tal-istokkijiet dgħajfa tas-salamun u fuq il-qabda ta' salamun żgħir?

- X'effett ikollha żieda fid-distanza minima bejn il-ponta u x-xaft tas-snanar (mir-rekwiżit tal-IBSFC ta' 19 mm għal snanar sostanzjalment akbar) ta' lenez tal-mitlaq u ankrati fuq l-irkupru tal-istokkijiet dgħajfa tas-salamun u fuq il-qabda ta' salamun żgħir?
- Liema huma l-aktar miżuri ta' ġestjoni mmirati urġenti fil-baħar u fl-ilmijiet interni (restawr tal-ħabitat, bini ta' passaġġi għall-ħut/tneħħija ta' barrieri ta' migrazzjoni, regolamenti tas-sajd u oħrajn) li l-ICES tirrakkomanda għall-irkupru ta' stokkijiet dgħajfa tas-salamun?
- X'inhuma d-daqs u l-effetti stmati tas-sajd bir-rixa għas-salamun li dejjem jiżdied fuq l-irkupru tal-istokkijiet dgħajfa tas-salamun u fuq il-qabda ta' salamun żgħir?
- Ikun vantaġġuż li s-sajd tas-salamun jiġi ġestit b'opportunitajiet ta' sajd/ġestjoni differenti f'oqsma differenti, eż. ġestjoni nazzjonali għas-sajd kostali u intern tas-salamun (ibbażata fuq l-MSY fix-xmajjar lokali) u qabda totali permissibbli waħda lil hinn mill-kosta; jew qabda totali permissibbli waħda għat-Tramuntana tal-Baħar Baltiku u waħda għan-Nofsinhar tal-Baħar Baltiku?

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar iż-żieda fil-miżuri ta' tfaddil għal ċerti ħażniet speċifiċi affettwati mill-projbizzjoni Russa**

Il-Kummissjoni tieħu nota tax-xewqa tal-Kunsill li jkollu l-possibbiltà ta' żieda fit-"tfaddil" għal ċerti stokkijiet speċifiċi u għal ċerti Stati Membri li huma l-aktar affettwati mill-projbizzjoni Russa fuq l-importazzjonijiet, abbażi ta' parir xjentifiku.

Għalkemm tali żieda tqajjem dubji legali, minħabba l-limitu stabbilit mil-leġislazzjoni applikabbli (Artikolu 4 tar-Regolament 847/96), f'dan il-każ eċċezzjonali, minħabba l-effetti severi tal-projbizzjoni Russa fuq l-importazzjonijiet, u minħabba li l-miżura hija strettament limitata biż-żmien u tapplika biss għat-"tfaddil" tal-kwoti (minbarra l-possibbiltà li jiżdied il-limitu għal "self" ta' kwoti), u minħabba l-parir xjentifiku favorevoli mogħti f'dan il-każ, il-Kummissjoni mhux ser tkun ta' xkiel għall-adozzjoni ta' dan il-kompromess.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) TFUE, li l-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha l-okkażjoni li tiċċara fil-kawżi pendenti C-103 u 165/12 u C-124 u 125/13.

| | |
|---|---|
| 2014/826/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul l-94 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima dwar l-adozzjoni ta' emendi tal-Kodiċi tal-Programm ta' Stħarriġ Imtejjeb tal-2011<br>ĠU L 335, 22.11.2014, p. 17-18 | 14555/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/209 tal-10 ta' Novembru 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim għal koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe li jassoċja lill-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)<br>ĠU L 35, 11.2.2015, p. 1-2 | 14013/14 |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tieħu nota li ntlaħaq qbil b'unanimità dwar l-Artikolu 2 tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-firma u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim. Il-Kummissjoni tfakkar fil-fehmiet tagħha li l-firma ta' ftehim internazzjonali huwa att ta' rappreżentanza esterna tal-Unjoni, li l-Kummissjoni hija fdata li tagħmel skont l-Artikolu 17(1) TUE.<br>Il-Kummissjoni tfakkar li l-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata skont l-Artikolu 218 TFUE għal ftehimiet internazzjonali li jaqgħu taħt il-politika ta' riċerka tal-UE. | |
| Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe li jassoċja lill-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)<br>ĠU L 35, 11.2.2015, p. 3-15 | 14014/14 |
| 2014/877/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (Applikazzjoni FEG/2014/007 IE/Andersen Ireland, mill-Irlanda)<br>ĠU L 350, 6.12.2014, p. 9-10 | 14446/14 |

| | |
|---|---|
| 2014/879/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (Applikazzjoni FEG/2014/009 IE/Andersen Ireland, mill-Irlanda)<br>ĠU L 350, 6.12.2014, p. 13-14 | 14552/14 |
| Ftehim dwar kooperazzjoni operattiva u strateġika bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) | 14129/14 |
| 2014/789/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2014 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, dwar il-Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 329, 14.11.2014, p. 1-2 | 6035/14<br>6037/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu minn Stati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż il-limitu għall-2016, l-ammont għall-2015 u l-ewwel rata ta' pagament għall-2015 | 14563/14 |
| 2014/790/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, fir-rigward tal-emenda tal-Anness II għal dan il-Ftehim dwar il-koordinazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali<br>ĠU L 329, 14.11.2014, p. 29-34 | 13888/14 |

| It-3346 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fi Brussell fis-17 u t-18 ta' Novembru 2014 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/54 tas-17 ta' Novembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u dawk tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u ta' Sottokumitati, tat-twaqqif ta' żewġ Sottokumitati, u tad-delega ta' ċerti setgħat mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ<br>ĠU L 9, 15.1.2015, p. 31-45 | 14598/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/55 tas-17 ta' Novembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha titteħed f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u dawk tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u tas-Sottokumitati, it-twaqqif ta' żewġ Sottokumitati, u d-delega ta' ċerti setgħat mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ<br>ĠU L 9, 15.1.2015, p. 46-60 | 14599/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/801/PESK tas-17 ta' Novembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina<br>ĠU L 331, 18.11.2014, p. 26-27 | 14880/14 |

| | |
|---|---|
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1225/2014 tas-17 ta' Novembru 2014 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina<br>ĠU L 331, 18.11.2014, p. 1-2 | 14881/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/800/PESK tas-17 ta' Novembru 2014 li tniedi l-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine) u li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK<br>ĠU L 331, 18.11.2014, p. 24-25 | 14631/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Georgia - Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża | 15507/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-PSDK | 15347/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ukraina | 15645/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-PPLN | 15542/14 |
| **It-3347 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI) li saret fi Brussell fit-18 u d-19 ta' Novembru 2014** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sħubija tal-UE mal-Grupp ta' Donaturi Prinċipali tal-Awli Straordinarji fil-Qorti tal-Kambodja | 15194/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati man-Norveġja bil-ħsieb li tinkiseb liberalizzazzjoni progressiva ta' kummerċ bilaterali fi prodotti agrikoli, fil-qafas tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea | 12674/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika Libaniża, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u dik tar-Rumanija | 13360/14 |

| | |
|---|---|
| Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa u r-Repubblika Libaniża fuq in-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u dik tar-Rumanija | 13376/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika Libaniża, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u dik tar-Rumanija | 13395/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 7/2014 intitolat "Il-FEŻR appoġġa b'suċċess l-iżvilupp ta' inkubaturi tan-negozju?" | 14820/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sitt rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: investiment għat-tkabbir u l-impjiegi | 15802/14 |
| **It-3348 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN - KUMMERĊ) li saret fi Brussell fil-21 ta' Novembru 2014** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Analiżi tal-Politika ta' Kontroll tal-Esportazzjoni | 14690/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/827/PESK tal-21 ta' Novembru 2014 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja<br>ĠU L 335, 22.11.2014, p. 19-21 | 6514/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill rigward in-negozjati dwar it-TTIP bejn l-UE u l-Istati Uniti | 15555/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kummerċ | 15557/1/14 REV 1 |

| | |
|---|---|
| **Proċedura bil-miktub konkluża fil-25 ta' Novembru 2014** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/829/PESK tal-25 ta' Novembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran<br>ĠU L 338, 25.11.2014, p. 1-3 | 15963/14 |
| **It-3349 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ, KULTURA U SPORT) li saret fi Brussell fil-25 ta' Novembru 2014** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| 2014/878/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2014/008 FI/STX Rauma, mill-Finlandja)<br>ĠU L 350, 6.12.2014, p. 11-12 | 15032/14 |
| 2014/876/UE: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2014/005 FR/GDA, ippreżentata minn Franza)<br>ĠU L 350, 6.12.2014, p. 7-8 | 15081/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika Awdjoviżiva Ewropea fl-Era Diġitali<br>ĠU C 433, 3.12.2014, p. 2-5 | 15317/1/14 REV 1 |

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2015-2018)<br>ĠU C 463, 23.12.2014, p. 4-14 | 16094/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza parteċipatorja tal-patrimonju kulturali<br>ĠU C 463, 23.12.2014, p. 1-3 | 15320/14 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-isport bħala mutur tal-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku<br>ĠU C 436, 5.12.2014, p. 2-5 | 14954/14 |
| **It-3350 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA) li saret fi Brussell fis-27 ta' Novembru 2014** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| 2014/837/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2014 li tiddetermina ċerti konsegwenzi finanzjarji diretti mġarrba b'riżultat tal-waqfien tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'ċerti atti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona<br>ĠU L 343, 28.11.2014, p. 17-18 | 15305/14 |
| 2014/836/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2014 li tiddetermina ċerti arranġamenti konsegwenzjali u transizzjonali dwar il-waqfien tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq f'ċerti atti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona<br>ĠU L 343, 28.11.2014, p. 11-16 | 15308/14 |
| 2014/835/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2014 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Islanda u n-Norveġja<br>ĠU L 343, 28.11.2014, p. 1-2 | 5307/10 |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**<br>Il-Ġermanja ma tagħtix il-kunsens tagħha lid-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.<br>L-Artikolu 38 jipprevedi li l-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar il-konklużjoni tal-proċeduri meħtieġa sabiex jesprimu l-kunsens tagħhom li jkunu marbutin b'dan il-Ftehim. Meta jagħtu n-notifika tagħhom, il-Partijiet Kontraenti għandhom jagħmlu kwalunkwe waħda min-notifiki jew dikjarazzjonijiet previsti fl-artikoli differenti tal-Ftehim. Uħud minn dawn id-dikjarazzjonijiet ma jistgħux isiru wara din id-data.<br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha l-għan li tagħti lil persuna magħżula s-setgħa legali li tagħti n-notifika. La l-ftehim innifsu u lanqas il-leġislazzjoni l-oħra tal-Unjoni Ewropea ma tipprovdi għal limiti ta' żmien biex tingħata n-notifika.<br>Il-Ġermanja bħal tliet Stati Membri oħrajn għadha ma ffinalizzatx il-proċeduri interni tagħha u għalhekk għadha mhix f'pożizzjoni li tiddetermina liema notifiki ser ikunu meħtieġa biex tiggarantixxi użu effettiv tal-Ftehim. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Internet | 16200/14 |
| **Proċeduri bil-miktub konklużi fit-28 ta' Novembru 2014** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/855/PESK tat-28 ta' Novembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina<br>ĠU L 344, 29.11.2014, p. 22-26 | 16049/14<br>+ ADD 1 DCL 1 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1270/2014 tat-28 ta' Novembru 2014 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina<br>ĠU L 344, 29.11.2014, p. 5-9 | 16051/14<br>+ ADD 1 DCL 1 |